**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 263 / 13RGM

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi s-separazzioni legali bejn l-esponent u l-konvenuta giet pronunzjata definitivament permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012; u in forza ta' l-istess sentenza huwa gie ordnat inter alia li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250.00), fix-xahar bhala manteniment ghaliha;

2. Illi sussegwentement irrizulta b'mod car li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu, u ghalhekk hija giet li ddekadiet skont il-ligi mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha, l-esponent. B'danakollu l-konvenuta kompliet tircievi l-manteniment minghand l-esponent;

3. Illi l-esponent huwa ntitolat li jipprocedi kontra martu ghas-separazzjoni legali in bazi ghall-adulterju taghha, u nfatti gie awtorizzat li jaghmel dan in forza ta' digrieti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi inoltre l-esponent gie awtorizzat in forza tad-digrieti precitati li jipprocedi kontra martu biex jigi deciz li hija ddekadiet skont il-ligi mid-dritt li tezigi l-manteniment minghandu;

5. Illi konsegwenzjalment ghas-suespost l-esponent huwa ntitolat ukoll li jigi rimborsat mill-konvenuta martu l-manteniment kollu li ser jirrizulta li gie mhallas lilha ndebitament minn dik id-data li fiha jigi stabbilit illi l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu kif fuq spjegat.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet suesposti m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b'rizultat tal-adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta' zewgha l-esponent kif fuq jinghad, u ghal dan il-ghan tistabilixxi d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi konsiderata li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju;

2. Tiddeciedi li b'effett mid-data li fiha jigi hekk stabilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju hija ddekadiet mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha l-esponent; u konsegwentement,

3. Tiddeciedi li b'effett mid-data hawn fuq imsemmija spicca d-dritt ta' l-istess konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-esponent ai termini tas-sentenza precitata ;

4. Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk, li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta, mid-data li fiha jkun stabbilit li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza; u

5. Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li kif inghad jirrizulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien ma' l-imghax legali relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni kif espeC hija improponibbli f'dan l-istadju stante li din l-allegata lanjanza setghet u messha tqajmet fil-kawza fl-ismijiet C B vs. A B (Rikors Gur. 368/06) deciza mil-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Novembru 2012 u li ghalhekk il-kontenzjoni mertu ta' din il-kawza hija prezenzjalment materja res judicata.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma kkommettiet l-ebda adulterju u ghalhekk, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Frar 2014 li maghha annetta l-affidavit tieghu, ta' hutu Joseph B u Emanuel B u kopja legali tal-files ta' medjazzjoni;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2014 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta' Derin Grixti anness ma' nota tal-attur ipprezentata fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat id-dokumenti Dok RV1 sa Dok RV6 dwar l-impieg u l-introjtu tal-konvenuta li gew ipprezentati fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation, u ta' John Micallef, ghall-Inland Revenue Department, li xehedu fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda u r-rapporti tal-invetigatur privat, Oliver Abela, ipprezentati fis-seduta mizmuma fil-15 ta' Ottubru 2014 mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Saviour Theuma, ghad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, li xehed fl-istess seduta;

Rat il-kontroezami ta' Oliver Abela li sar fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta' Lindsay B, bint il-partijiet ipprezentat fil-11 ta' Mejju 2015 u dak tal-konvenuta C B pprezentat fit-22 ta' Mejju 2015;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-15 ta' Lulju 2015 li maghha annettiet kuntratt tal-5 ta' Mejju 2015 dwar il-biegh tal-fond 55, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga;

Rat il-kontroezami tal-konvenuta li sar fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Dottor Maria Axiaq li xehedet fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat r-rapporti li ghamlet il-konvenuta mal-Pulizija li gewipprezentati mill-PC 18 Mark Falzon, fl- istess seduta u markati Dok MF1 sa Dok MF6;

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-attur ipprezentata fit-30 ta' Awwissu 2016 u dik tal-konvenuta pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017 meta l-kawza giet diffeC ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attur, A B, fl-affidavit tieghu mahluf fid-19 ta' Frar 2014 Fol 40 et seq, xhed li ghall-habta ta' Novembru 2011 beda jinnota, meta nhar ta' Sibt kien jmur il-Qawra biex jiehu flixkun birra f'wiehed mill-Bars li hemm f'dawk l-akkwati, li l-karozza tal-mara tieghu, C B, karozza numru RIT-224 kienet tkun ipparkjata hemmhekk. F'dak iz-zmien kien qed jissepara minn maghha u billi hu kien joqghod Birzebbuga, nhar ta' Sibt biss kien jmur il-Qawra. F'dak iz-zmien martu kienet toqghod fil-post 'Chicken Farmhouse' Stables Lane, Marsa li kienet r-residenza ta' ommha. Hu kien jara il-karozza tal-mara meta jkun sejjer il-Qawra f'xi d-9.00pm u meta kien jirritorna xi t-3.30am tal-ghada fil-ghodu kmieni, l-karozza taghha kienet tkun baqghet fl-istess post. Kien ghalhekk li beda jissuspetta li C B bdiet xi relazzjoni u kienet qed tkun ghand xi hadd. Jghid li dan kollu innotah ukoll f'Dicembru 2011.

Hu semma okkazjoni partikolari meta kien ma' habib tieghu, Pawlu Spiteri fis-Seaview Hotel il-Qawra fis-Sajf tas-sena 2011 u ra lil C izzomm id ragel iehor. Hi malli ratu inhazdet u daret lura u harget 'l barra ma' dan ir-ragel, li ma kienx l-istess ragel li dwaru kien ser jirreferi aktar tard fl-istess affidavit.

Fl-ewwel gimgha ta' Jannar 2012 kien mal-habib tieghu Joe Said ghand Frank's Bar il-Qawra u meta kienu hergin xi l-erbgha nieqsin ghoxrin ta' filghodu, lemhu l-karozza Yaris ta' C B pparkjata hemmhekk. Lill-habib tieghu l-attur qallu li kien qed jissuspetta li hi kienet tkun x'imkien fil-vicin ghand xi hadd.  Il-karozza taghha kien rega' raha fil-vicinanzi ta' Franks Bar il-Qawra s-Sibt ta' qabel l-ahhar Sibt ta' Jannar 2012.  Is-Sibt ta' wara cemplulu mill-Ghassa tal-Qawra biex ikellmuh, mar l-ghada u gie infurmat li martu kienet ghamlet rapport fejn qalet li hu kien gera warajha heddidha u offendiha meta hu jgid li l-anqas biss rahaha. Fuq dan ir-rapport kien tela' l-Qorti izda hi wara rtirat l-akkuzi.

Fuq parir tal-Avukat beda jevita li jmur fl-akkwati ta' Frank's Bar u Alex Bar il-Qawra, pero' qal li hutu Joe u Emanuel B biex meta jkunu hemm nhar ta' Sibt jaghti daqqa' t'ghajn jekk il-vettura ta' C tkunx hemmhekk u dawn

ikkonfermawlu li kienu baqghu jaraw il-vettura taghha hemmhekk. Anke il-habib tieghu Joe Said baqa' jinzerta jara l-istess vettura f'dawk l-inhawi.

F'April 2012 tqabbad investigatur privat, Oliver Abela, u dan kien ra lil C B diehla gewwa 'Tas-Salib' Flats fi Triq il-Mulett il-Qawra flimkien ma' ragel iehor. Ftit qabel, habib ta' huh Joseph B, certu Darren Grixti kien ra lil C B bil-karozza taghha u maghha kellha ragel u rahom nezlin mill-karozza u jidhlu fil-blokka apartamenti gia' imsemmija. F'Novembru 2012 giet deciza mill-Qorti tal-Appell il-kawza ta' separazzjoni u hu gie ordnat ihallas Euro 250 fix-xahar manteniment lil martu.

Billi l-karozza taghha kienet baqghet tkun il-Qawra rega' tqabbad l-istess investigator u dan fi Frar 2013 kien qabadha diehla is-Sibt fl-istess appartamenti u tohrog il-Hadd wahedha. Hu kkonferma li raqdet hemm u fil-ghodu saqet ghal Portomaso u hu saq warajha. L-attur jghid li hi tahdem hemm ghax darba qallu klient li ra lil C B tahdem hemm u anke hutu ikkonfermawlu li l-karozza taghha kienet tkun ipparkjata fil-vicinanzi ta' Portomaso.

F'Gunju 2013 bdew il-proceduri ta' medjazzjoni u billi din kienet inkonklusiva saret il-kawza.

L-attur ddikjara li x-xoghol tieghu mar lura, hi qed tahdem u ghalhekk jidhirlu li mhux sew li jibqa' jhallasha manteniment. Wara li saret il-medjazzjoni il-karozza taghha ma baqax jaraha fl-akkwati tal-Qawra. L-attur jinsisti li ma ghandux jibqa' jhallas mantenimnt lil martu la darba bdiet relazzjoni ma' ragel iehor.

Joseph B, hu l-attur, fl-affidavit tieghu mahluf fl-20 ta' Frar 2014 Fol 44 ikkonferma li huh A kien qallu li kien qed jara l-karozza ta' martu C B n-naha ta' Bugibba/Qawra f'Dicembru 2011 u Jannar 2012. Qallu ukoll li kienet ghamlitlu rapport u ghalhekk kien qal lilu u lill-habib tieghu Darren Grixti biex meta jkunu fi Frank's Bar il-Qawra jaraw jekk jinzertawx il-karozza ta' C B. Il-karozza kienet tkun ipparkjata fi Triq it-Tamar kantuniera ma' Triq Horatio Nelson il-Qawra. Dan kien jkun nhar ta' Sibt.

Hu ikkonferma li hu u l-habib tieghu kienu jaraw il-karozza hemmhekk tibqa' ipparkjata fl-istess post pero' lill-konvenuta ma kienux jarawha. Il-habib tieghu Darren Grixti darba mar wahdu fi Frank's Bar f'nofs Marzu 2012 u ra lil C B ma' ragel miexja u mbaghad dahlet mieghu f'blokka flats bl-isem Tas-Salib.
Zewg Sibtijiet wara, hu u l-habib tieghu regghu marru Frank's Bar u raw lil C B ma' ragel fil-karozza taghha xi l-hdax ta' bil-lejl u dahlu fil-blokka ta' flats 'Tas-Salib' liema appartamenti jinsabu fuq il-bar li jismu 'We5'.

Inzerthom f'okkazzjoni ohra, wara li kienu marru is-Suncrest u l-karozza taghha baqghet ipparkjata fl-istess post. Hu kkonferma li huh A kien qabbad investigatur privat li kien rnexxielu jaqbad lil C B u lil dan ir-ragel fil-flat.

Anke wara li giet deciza il-kawza mill-Appell huma baqghu jaraw il-karozza tal-konvenuta hemmhekk. Fit-13 ta' Jannar 2013 kienu segwew il-karozza tal-konvenuta mill-Marsa, baqghet sejra sal-Mosta bit-tifla, gabru il-boyfriend tat-tifla u baqghu sejrin sal-appartamenti imsemija fil-Qawra. Tellghu xi basktijiet u ftit wara bintha u l-boyfriend marru jgiebu xi basktijiet ohra mill-karozza u regghu telghu fil-flat. Wara l-erbgha li huma nizlu isfel, il-konvenuta ,bintha u l-boyfriend sellmu lir-ragel li ssemma u telqu u dan ir-ragel baqa' hemm. Ix-xhud qal li dik in-nhar huma kienu baqghu jiehdu drink fil-bar 'Rose and Crown' li jinsab fil-vicin u damu sa xi nofs il-lejl.

Hu semma ukoll l-okkazzjoni meta l-investigatur rahom diehlin fil-ghaxija u hi harget fil-ghodu. Hu kien mar fuq il-post ,ra lill-investigatur u l-karozza tal-konvenuta li baqghet fl-istess post. Hi harget xi s-sitta u kwart ta' fil-ghodu pero' hu ma saqx warajha. Aktar tard ra il-karozza taghha fejn Portomaso fejn kienet tahdem.

Ix-xhud iddikjara li kien qed jaghmel dan biex jghin lil huh li kien ghaddej minn mument difficili u finanzjarjament kien qed jbaghti biex jhallas manteniment ta' Euro 250 lill-konvenuta li hu jissuspetta li kienet qed tahdem full time billi darba kien ra il-karozza taghha ipparkjata Portomaso fis-seba ta' filghodu u fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar kienet ghadha ipparkjata fl-istess post.

Emanuel B, hu l-attur, fl-affidavit tieghu mahluf fid-19 ta' Frar 2014, Fol 46, ikkonferma li fid-19 ta' Jannar 2013 hu flimkien ma' huh Joe saqu bil-karozza wara C B li kellha maghha lil bintha Lindsay mill-Marsa fit-tminja nieqsin kwart ta' fil-ghaxija, sal- Mosta fejn gabru lill-gharus tat-tifla. Minn hemm marru l-flat ta' Bugibba u rawhom jidhlu gewwa. Ftit wara t-tifla u l-gharus taghha regghu nizlu u telghu xi basktijiet li kienu fil-karozza li kienet ipparkjata fi Triq it-Tamar, Qawra. Wara nizlu l-erba li huma u C, Lindsay u l-gharus taghha marru bil-karozza, mentri s-sieheb ta' C tela' fil-flat u ma regghax nizel. Huma baqghu jixorbu fil-bar sa nofs il-lejl jistennewha tigi lura pero' sa dak il-hin C B ma kienitx giet lura.

Fis-26 ta' Jannar 2013 kien wahdu il-Qawra u xi t-8.30pm ra lil C B mas-sieheb taghha, flimkien ma' koppja ohra tixrob fil-We5 Bar li qieghed taht l-imsemmi flat. Hu kien qed jixrob fil-Bar ta' faccata cioe' Frank's Bar minn fejn seta' jara kollox. Hu telaq fl-ghaxra nieqes kwart ta' fil-ghaxija u l-karozza ta' C B baqghet fl-istess post. Il-habib tieghu Joe Said ikkonfermalu li sas-satejn ta' fil-ghodu il-karozza kienet ghadha fl-istess post.

L-investigatur mqabbad minn huh kien qalilhom li fit-2 ta' Frar 2013 xi d-9.20pm C B regghet marret fil-flat mas-sieheb taghha u l-ghada l-investigatur ra l-karozza taghha Portomaso peress li hi tahdem hemm.

Fis-16 ta' Frar 2013 x-xhud u huh Joe segwew lil C B bil-karozza mill-Marsa fit-8.30am sal-Mosta. Hi kellha lit-tifla maghha u wasslitha sa hdejn il-knisja tal-Mosta fejn kien qed jistenniha l-gharus taghha. C wara baqghet sejra dritt ghal Bugibba. Huma saqu warajha u avzaw lill-investigatur li kien qieghed il-Qawra.

L-investigatur gibed xi filmati tas-sieheb taghha li kien qed jistenniha u kif waslet telghu fil-flat u regghu nizlu ftit wara. Wara marru jixorbu fil-We5 Bar u fi Alex Bar qabel ma dahlu lura fil-flat. Fil-ghodu l-investigatur ha xi filmati taghha sejra Portomaso fejn kienet tahdem.

Ix-xhud iddikjara li hu jahdem fuq barra u regolarment jara l-karozza ta' C B fl-inhawi ta' Portomaso ipparkjata minn kmieni fil-ghodu qabel is-7.00am u ddum izjed mis-2.30pm ghalhiex meta jitlaq hu f'dak il-hin il-karozza taghha tkun ghada ipparkjata fl-istess post. Jghid li l-movimenti ta' C B juru li hi tahdm hinijiet twal u li kompliet bir-relazzjoni taghha mas-sieheb taghha li ghandu flat f'Bugibba.

Joseph Said, fl-affidavit tieghu mahluf fid-19 ta' Frar 2014. Fol 48, iddikjara li jaf lil C B bhala l-mara ta' A B. F'Jannar tas-sena 2013 ra kemm-il darba il-karozza taghha Toyota Yaris ipparkjata fl-inhawi ta' Frank's Bar il-Qawra. Nhar ta' sibt hu kien jmur jiehu drink gewwa Frank's bar.. Kien jmur wara l-11.00pm u jitlaq xi t-tlieta ta' fil-ghodu u l-karozza taghha kienet tkun ghadha ipparkjata hemmhekk. Sas-Sajf tat-2013 baqa' jara il-karozza ipparkjata hemm. Xi darbtejn ra lil C B diehla fl-appartament ma' ragel iehor wara li tkun giet bil-karozza. Dan kien jkun  xi l-10.30 pm jew il-11.00pm. Darba ohra ra tixrob fil-bar We5 Bar meta hu kien fil-Bar ta' faccata Frank's Bar. Dik n-nhar hu telaq fis-saghtejn ta' fil-ghodu u l-karozza taghha kienet ghadha hemm. Jahseb, ghalkemm mhux cert li dan kien l-istess ragel li kien ra diehel maghha fil-flat, billi ghandu l-istess statura.

Darren Grixti, fl-affidavit tieghu mahluf fit-2 ta' April 2014, Fol 150, ikkonferma li fi Frar 2012 fil-weekend kien jiltaqa' ma' Joseph B, l-ewwel kienu jmorru jiehdu drink ghand Frank's Bar il-Qawra u wara kienu jmorru is-Suncrest. Joseph B kien infurmah bis-sitwazzjoni ta' huh A u li l-karozza ta' martu, C B kienet tkun ipparkjata l-Qawra. Ix-xhud lill-partjiet jafhom minn qabel ma isseparaw billi l-hanut ta' A kien fil-vicinanzi tad-dar fejn kienet toqghod ommu. Meta kienu jmorru il-Qawra kienu jaraw il-karozza taghha pparkjata hdejn Palm Court, Triq it-Tamal u meta kienu jmorru lura wara li jitilqu mis-Suncrest, il-karozza taghha tkun ghadha pparkjata fl-istess post. Fi Frar 2012 il-karozza kienu jarawha kull nhar ta' Sibt, pero' lil C B qatt ma inzertawha.

Darba f'Marzu 2012, kien qed jiehu drink ma' zewg Inglizi u jara lil C B miexja flimkien ma' ragel li kien jidher ftit ikbar minnha. Dahlu fil-blokka li jisimha 'Tas-Salib' Apartments. L-ewwel dahal hu u wara ftit sekondi dahlet hi. Ghalih kienet stramba li ma dahlux flimkien, qishom kellhom x'jahbu. L-ghada kien ltaqa' ma' Joseph B u qallu b'dak li kien ra. Il-gimgha ta' wara regghu marru jiehdu drink izda ma inzertawhiex, is-Sibt ta' wara pero' rawha mal-istess persuna diehlin fl-istess apartamenti. Dan kien is-Sibt fil-ghaxija. F'Jannar 2013 waqt li kien qieghed go Frank's Bar, rega' raha diehla fl-istess block mal-istess ragel. B'kollox rahom tlett darbiet flimkien.

Mid-dokumenti pprezentati fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, rrizulta li l-konvenuta kienet impjegata mal-Marina Restaurants Limited fuq bazi part time, u fis-sena 2011 qalghet Euro 2891.57, FS3 Dok RV3 Fol 155; fis-sena 2012 qalghet Euro 5739.98 FS3 Dok RV4 Fol 163; fis-sena 2013 qalghet Euro 4986.18 FS3 Dok RV5 Fol 176; u fis-sena 2014 kienet qed tircevi paga ta' Euro 372.80 fix-xahar Dok RV6 Fol 189.

Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation ipprezenta bhala Dok JS1 l-employment history ta' C B, Fol 229 u 230. Mill-1 ta'Mejju 2011 kienet impjegata bhala part time cleaner mal-Marina Restaurants Limited.

John Micallef, ghall-Inland Revenue Department, ipprezenta d-dokumenti markati Dok JM1 sa Dok JM 13 li huma Income Tax Returns u printout tal-Income and Assessment ta' A B ghas-snin 2008 sa 2013, Fol 196 sa 228. Fis-sena 2012 Dok JM7 Fol 213, A B ddikjara dhul net ta' Euro 8096.

Oliver Abela xehed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 310 et seq. Hu kkonferma li ghandu l-kwalifiki necessarji ta' investigatur privat, u pprezenta d-dokumenti relattivi li gew markati Dok OA1 sa Dok OA7 Fol 289 sa 295. Hu iddikjara li l-attur A B kien kellmu fl-20 ta' April 2012 biex jinvestiga lill-mara tieghu f'xi granet specifici. Fit-28 ta' April bdiet l-investigazzjoni fi Triq il-Mulett il-Qawra hdejn l-appartamenti 'Tas-Salib'u ddikjara " dik il-gurnata ahna rajna s-suggett femminili li hija C B diehla ma' ragel fil-flatijiet, dahlet fid-disgha u tlieta u ghaxrin minuta ta' fil-ghaxija". Hu ddikjara li kien qed jaghraf lil C B li kienet presenti. Hu kkonferma li sas-saghtejn ta' filghodu kienet ghadha ma hargitx. F'dak l-istadju l-investigazzjoni ma tkomplietx, pero' sena wara rega' gie inkarigat u rega beda l-investigazzjoni fit-2 ta' Frar 2013. Dak n-nhar ra lil C B flimkien mas-sieheb tas-sena ta'qabel, diehla fl-istess block ta' apartamenti, dahlu fid-disgha u hdax il-minuta u sa nofs il-lejl kienet ghadha ma hargitx. L-ghada marru iffittxuha Paceville u sabu il-karozza taghha ipparkjata fi Triq Salvu Privitera. Mistoqsi jekk kienx jaf x'kienet l-karozza taghha, rrisponda li kien jaf u n-numru ta'registrazzjoni tal-vettura kien RIT 224. Komplew l-investigazzjoni fis-16 ta' Frar 2013 u raw lill-habib hiereg

mill-appartamenti 'Tas-Salib'u mar go bar jismu 'We Five'. Ghamel ftit tal-hin hemm u mbaghad fid-disgha u tnejn u ghoxrin minuta waslet C B, pprakjat il-karozza quddiem is-Santana Hotel u hu mar jiltaqa' maghha. Hi harget mill-karozza, kellha xi basktijiet, hu ghenha bihom u dahlu fl-apartamenti 'Tas-Salib'wara ftit hargu u marru flimkien fil-bar We Five. Baqghu hemm sal-ghaxra u kwart, imxew Triq il-Mulett, qasmu t-triq u marru go bar jismu'Alex Bar'. Damu hemm sa kwazi nofs il-lejl u wara telqu u t-tnejn flimkien dahlu fl-apartamenti Tas-Salib. Huma baqghu hemm il-lejl kollu u fis-6.09am C harget minn hemm mghaggla, marret ghal-karozza u saqet lejn Paceville. Dan jafuh ghax saqu warajha. Marret Paceville u regghet ipparkjat il-karozza fl-istess post fi Triq Salvu Privitera. Hu kkonferma li ghandu ritratti u DVD's, ipprezenta zewg rapporti li gew immarkati Dok OA8 u Dok OA9. In kontroezami kkonferma li kien assistit minn Mark Formosa u persuna ohra li marret l-Awstralia.

Ix-xhud ikkonferma meta rega' xehed in kontroezami fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, li lit-tifla tas-Sur B ma jarafiex u qatt ma raha, Fol 480.

Lindsay B, bint il-partijiet, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Mejju 2015, Fol 486, ikkonfermat li ghandha 21 sena u tahdem bhala awditrici mal-PWC fejn ilha impjegata minn Settembru 2014. Il-genituri taghha damu s-snin ghaddejjin b'kawza ta' separazzjoni u fil-pendenza tal-kawza hi, ommha u huwha George telqu mid-dar fejn kienu jghixu f'Birzebbuga u marru joqghodu f'Chicken Farmhouse, Triq l-Istalel, Marsa, razzett propjeta' ta' omm ommha. Dan kien fi stat hazin hafna tant li kellu xi soqfa kundannati u billi fil-vicin xi nies kienu jrabbu iz-zwiemel u l-majjali kien hemm demel kullimkien u fix-xhur tas-sajf kien insopportabbli li tghix hemm minhabba n-nemus u l-irwejjah.

Hi kienet tohrog ma' persuna li kien joqghod il-Mosta, relazzjoni li spiccat xi sena qabel xehedet, u fiz-zmien li kienu johorgu flimkien la hi u l-anqas hu ma kellhom il-licenzja tas-sewqan. Hi bdiet issuq f'Ottubru 2014.

Biex jkun aktar facili ghaliha biex tohrog fil-weekends, ommha kienet twassalha mill-Marsa sal-Mosta fejn kienet tiltaqa' mal-boyfriend u kienu jwaasluhom l-genituri tieghu jew jaqbdu taxi biex johorgu. F'dak iz-zmien ommha kienet tahdem f'restaurant Portomaso u kienet tibda kmieni fil-5.30am, ghalhekk hi ma kinitx trid li toqghod taqla' lill-ommha xi 2.00am biex tigborha minn Paceville u ghal din r-raguni kienet tinnsisti maghha biex fil-weekends jmorru Bugibba u ghalhekk hi u l-gharus kienu jaqbdu van jew taxi minn Paceville u billi kienet triq wahda, l-gharus kien jieqaf il-Mosta u hi tibqa' sejra Bugibba. Dan apparti l-fatt li hi ma kienitx trid turi lill-hbieb li kienet tghix il-Marsa, billi kienet tisthi minnhom.

Hi kkonfermat li f'dak iz-zmien ommha kienet habiba ma' wiehed pensjonant li kien thassarhom u offrilhom li meta jridu setghu juzaw l-appartament tieghu f'Bugibba. Hi ghalhekk, kull meta kienet tohrog mal-boyfriend kienet tiftiehem ma' ommha biex wara li titlaq minn Paceville tmur tiltaqa' maghha Bugibba u kienu jorqdu hemm. Hi kienet torqod fil-kamra ma' ommha mentri l-habib ta' ommha kien jorqod fil-kamra tieghu. Dan kien ghall-habta tat-2011.

Hi ddikjarat li ommha u dan ir-ragel ma kienux f'relazzjoni flimkien, u r-raguni ghaliex ommha kienet tmur Bugibba kien propju biex tevita li tigborha minn Paceville fis-saghatejn ta' filghodu u jirritornaw il-Marsa wahedhom f'dak il-hin fl-ambjent ikrah tal-Marsa. Damu jmorru Bugibba sal-ahhar tas-sena 2012 meta l-gharus li kellha beda jsuq.

C B, il-konvenuta, fl-affidavit taghha mahluf fil-21 ta' Mejju 2015, Fol 487, iddikjarat li fit-12 ta' Gunju 2006, meta kienet ghadha ghaddejja l-kawza ta' separazzjoni, hi u bintha Lindsay telqu mid-dar matrimonjali minnhabba l-glied kontinwu li kien jkollha ma' zewgha A u marru joqghodu f'razzett il-Marsa. Xi xaharejn wara anke t-tifel George telaq lill-missieru u mar jghix maghhom il-Marsa, fejn qabel kienet toqghod ommha.

Damu jghixu f'dan ir-razzett ghal xi 9 snin; il-post kien ikrah u skomdu biex tghix fih, pero' tghid li ma kellhiex alternattiva. Hi tghid li kienet sitwazzjoni infelici billi kellha trabbi zewgt itfal wahedha f'ambjent li ma kienx tajjeb ghat-tfal billi kien hemm hafna kriminalita'. Minnkejja d-difikultajiet rnexxhielha trabbi t-tfal sew billi t-tifla tahdem bhala awditrici mal-PWC u t-tifel George ghandu impieg tajjeb mal-Gvern wara li gradwa mill-Universita'.

Hi ddikjarat li George ghadu jghix fir-razzett, mentri hi u t-tifla marru jghixu f'post bil-kera f'Birkirkara, sakemm tixtri post billi ftit qabel nbieghet d-dar f'Birzebbuga u skont ma kien gie deciz mill-Qorti tal-Appell, A B thallas dak li kellu jircevi cioe' Euro 30,000.

Hi ddikjarat "Assolutament ma huwiex minnu li jien kelli jew ghandi partner. Jien la kelli partner waqt li kienet ghadejja il-kawza ta' separazzjoni u wisq anqas ma ghandi partner illum il-gurnata. Biex nkun aktar cara, l-anqas waqt iz-zwieg ma kelli wicc haddiehor".

Hi kkonfermat li meta kienet tmur Bugibba dan kienet taghmlu minnhabba bintha u xejn aktar. Bintha dak iz-zmien ma kienitx issuq u l-anqas kien isuq l-gharus li kellha. Hi kienet tibza' li t-tifla jiggrilha xi haga, li xi hadd jaghtiha fastidju jekk tirritorna lura il-Marsa minn Paceville f'dawk il-hinijiet f'ambjent tant ikrah. Hi kellha habib li kien joqghod Bugibba li kien ukoll habib ta' huha, li kien offrilha li torqod ghandu flimkien mat-tifla. Tghid li dan il-bniedem ikkonsidratu

‘sammaCn’ u hekk ghamlu. Meta Lindsay kienet tohrog hi kienet twassalha il-Mosta u tibqa sejra Bugibba. Wara t-tifla kienet tmur Bugibba fejn kienet torqod fl-istess kamra maghha mentri, il-habib kien jorqod f’kamra ohra. Hi ddikjarat li ma’ din il-persuna qatt ma kien hemm xejn,ma kellhomx relazzjoni, qatt ma kellha x’taqsam mieghu sesswalment u ma ebda ragel iehor minn meta izzewget lil A. Kienu damu jmorru Bugibba ghal ftit aktar minn sena mill-bidu tat-2011 sal-ahhar tat-2012 billi wara l-gharus tat-tifla beda jsuq.

Meta kienet tmur Bugibba kellha suspett li zewgha jew xi hadd mqabbad minnu kien qed isegwiha. Kien hemm zewg okkazzjonijiet meta kienet ma’ huha Martin fil-Bar Grapevine u dahal zewgha A. L-ewwel darba ghadda minn hdejha biex juriha li kien raha. Hi injoratu u telqghet ‘l barra. It-tieni darba, kien il-Milied jew l-Ewwel tas-Sena, zewgha dahal fil-Bar, hares lejha u telaq ‘l barra. F’dak iz-zmien kienet issib toothpicks fil-locks tal-vettura taghha, darba ohra sabet daqqa fuq il-mudguard, daqqa ta’ ponn jew daqqa ta’ sieq, u darb’ohra sabet hadida marbuta mar-rota ta’ quddiem billi bdiet tisma l-hsejjes meta kienet qed issuq, partikolarment meta giet biex iddawwar. Hi ma ghamlitx rapport mal-Pulizija dwar dan, pero’dawn saru fl-istess zmien li kienet tmur Bugibba.

Hi kkonkludiet l-affidavit taghha billi kkonfermat li anke qabel ma nqatghet il-kawza tas-separazzjoni zewgha kien isegwiha kemm Bugibba kif ukoll il-Marsa.

B’Nota tal-15 ta’ Lulju 2015, Fol 498, il-konvenuta pprezentat kopja legali tal-kuntratt ta’ biegh tal-fond 55, Croydon, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga pubblikat fil-5 ta’ Mejju 2015.

C B, in kontroezami, Fol 512 et seq, ikkonfermat li r-raguni ghalhiex kienu jmorru Bugibba kienet it-tifla. Ic-Chicken Farmhouse tinsab f’dahla li ma tinfidx u t-triq principali qabel id-dahla hi Triq l-Istalel. Hi kienet dejjem twassal lit-tifla meta tohrog ghalkemm ma kienitx tohrog spiss billi kienet tistudja. Dan ma baqghetx taghmlu meta t-tifla qabdet boyfriend u bdiet tohrog Paceville. It-tifla ma kienitx trid turi lil shabha fejn toqghod billi l-post hu ikrah hafna, hemm l-irwejjah u kwantita’ kbira ta’ nies suwed. Hi ddikjarat li kienet tinkwieta ghall-bintha u billi la hi l-anqas il-hbieb ma kienu jsuqu kienet tmur lura bil-Van li kien jwassalha wara li jkun mar hafna postijiet u t-tifla kienet tassal storduta billi kienet tiddardar fil-Van. Bdiet tmur Bugibba u t-tifla kienet tmur Paceville u wara tmur Bugibba bil-van jew jwassluha il-genituri tal-boyfriend. Hi kienet tqun ghax-xoghol kmieni fil-5.00 am u ghalhekk ma setghatx tigbor lit-tifla bil-lejl. It-tifla kienet hassret wara xi zmien pero’qatt ma raqdet mal-boyfriend, dejjem maghha raqdet.

Mistoqsija kemm kienet ilha taf lill-persuna li offrietilha li tmur ghandha, rrispondiet li kienu hbieb billi hi kienet tmur ghal drink fil-Pub ma’ huha. Dan il-pub kien ta’dan r-ragel, pensjonant u tal-affari tieghu u huha kien jghinu. Billi

kien jdum fil-Pub kien jghidilha li tista tmur torqod fil-post tieghu minhabba t-tifla. Hi qalet li ma kienx jhossha skomda u li kien jismu Paul Steed. Hi insistiet li qatt ma kien hemm xejn bejniethom hlief hbiberija. Hi qalet li ma ghad ghandha l-ebda tip ta' kuntatt mieghu min mindu telqghet mill-Marsa u t-tifla ghandha biex tasal.

Dottor Maria Axiaq, b'referenza ghad-dokument a Fol 542 sa Fol 548, ikkonfermat li l-attur kien taht il-kura taghha meta kien fil-Forensic Unit minn Frar sa April tas sena 2015, Fol 556. Skont id-djonjosi li ghamlet, l-attur kien qed ibghati minn post-dramatic stress disorder, kien qieghed taht kaz estrem ta' ansjeta'relatata mal-inkarcerazzjoni inaspettata tieghu. Hi baqghet tarah fil-Community Mental Health Clinic ta' Rahal il-Gdid u dwar ix-xoghol tieghu kienet rrakkomandatlu biex jahdem reduced hours minnhabba l-istat mentali tieghu. Hu kien qed ihoss li kien qed jigi persegwitat u kellu ansjeta' kbira ghal kull haga li kellha x'taqsam mal-Qorti billi kien jibza li jergghu jarrestawh.

Hi kienet irrakkomandat zewg tipi ta' medicini, Paroxatine, kontra d-depression u Hydroxyzine biex jkun jista' jorqod.  Hi kkonfermat li l-kuntatt li kellu mal-Qorti kien qed jikkaguna din il-kondizzjoni fih.

L-Ispettur Maurice Curmi, Fol 564, ipprezenta rapport li C B ghamlet kontra A B. Dan gie market bhala Dok MC1, Fol 569. C B kienet cemplet l-Ghassa tal-Marsa fl-24 ta' Jannar 2012 u rrapportat li zewgha A B fil-21 ta' Jannar 2012 ghal xi l-11.55pm kien fi Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar u kien qed isegwiha. A B ghalkemm ammetta li kien hemm cahad li kien qed isegwiha. Saru proceduri fil-Qorti, pero' hafru lill-xulxin u l-process gie dikjarat ezawrit.

IL-PC 18, Mark Falzon, Fol 566, ipprezenta rapporti li gew immarkati Dok MF 1 sa Dok MF 6. Ir-rapporti saru mill-konvenuta kontra zewgha:

Dok MF 1 hu rapport li sar fis-17 ta' Novembru 2007, Fol 574, fejn il-konvenuta rrapportat li zewgha ghajjarha u insultaha.
Dok MF 2 hu rapport li sar fl-20  ta' Frar 2014, Fol 577, fejn il-konvenuta rrapportat li zewgha insultaha. L-attur cahhad din l-allegazzjoni.
Dok MF 3 hu rapport li sar fit-28 ta' Jannar 2014, Fol 580, kwerela li ghamlet l-konvenuta li l-attur ma hallax manteniment ghal Novembru 2013 u Dicembru 2013.

Dok MF 4 hu rapport li sar  fis-16 ta' Gunju 2014, Fol 582, fejn C B rrapportat li zewgha A B ma hallashiex il-manteniment ghal Awwissu, Settembru u Ottubru 2013 kif ukoll Jannar, Frar, Marzu, April u Mejju 2014.

Dok MF 5 hu rapport li sar fl-4 ta' Gunju 2011, Fol 584, fejn C B rrapportat li zewgha A B naqqas li jhallas l-arretrati ta seba' xhur manteniment.
Dok MF 6 hu rapport li sar fl-10 ta' Jannar 2011, Fol 587, fejn C B rrapportat li zewgha A B naqas li jhallasha manteniment ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru, Novembru u Dicembru 2010.

C B, b'nota tal-24 ta' Gunju 2016 ipprezentat l-FS3 ghas-sena 2015, Fol 594, li minnha jirrizulta li ghs-sena 2015 C B kellha dhul gross ta' Euro 14,588.92.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Gunju 2011 giet deciza il-kawza fl-ismijiet " C B vs A B" Rikors Numru 368/2006 mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja. Il-Qorti ddikjarat li s-separazzjoni kienet principalment tort tal-konvenut, A B u 'inter alia' ordnat li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ta' Euro 250 fix-xahar ghaliha u Euro 150 fix-xahar manteniment ghall-minuri.

Il-konvenut, A B, appella minn din d-decizjoni u talab, fost talbiet ohra li s-separazzjoni tal-partijiet kellha tigi ppronunzjata, bi htija principalment tal-attrici, C B.

B'sentenza tad-9 ta' Novembru 2012, il-Qorti tal-Appell irriformat s-sentenza appellata billi ppronunzjat s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba inkompatibilita' ta' karattru li rrenda l-istess konvivenza ta' bejniethom impossibbli b'dan li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u kkonfermat l-manteniment stabbilit mill-Ewwel Qorti.

Fil-kawza odjerna l-attur A B qed jallega li martu il-konvenuta C B ikkommettiet adulterju u konsegwentement iddekaddiet mid-dritt li tircevi manteniment minn ghandu. It-tifla Lindsay illum saret maggiorenni u l-attur jikkontendi li meta giet deciza il-kawza mill-Qorti tal-Appell martu kienet taqla' Euro 329.81 fix-xahar mentri illum taqla' Euro 14,588.92 fis-sena, aktar minn Euro 1000 fix-xahar, u d-dhul tieghu mill-hanut tal-laham li fiz-zmien li nghatat s-sentenza imsemmija kien ivvarja bejn Euro 8000 u Euro 12,492 illum naqqas billi anke fuq parir mediku qed jahdem biss 'part time'.

Id-dar matrimonjali 55, Croydon, Triq il-Port Hieles, Birzebbuga nbieghet b'kuntratt ippublikat fil-5 ta' Mejju 2015 bil-prezz ta' Euro 250,000.
A B fuq dan il-kuntratt rceva ghas-saldu il-bilanc ta' Euro 30,297 u ta il-kunsens tieghu ghall-kancellament tal-ipoteki.

Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet gie ppubblikat fid-19 ta' April 2013 u d-dar matrimonjali giet assenjata lil-C B.

Skont s-sentenza citata supra C B kellha thallas lil A B ekwiparazzjoni fl-ammont ta' Euro 61,000 f'zmien erba' snin mid-data tas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Eccezzjoni 'Res Judicata'**.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza "**Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe vs Dottor Hugh McKibbin**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1965 ntqal li :

"Ir-ragel li jkun mifrud minn martu ma jistax jipprettendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt ghall-alimenti taghha kontra tieghu minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adullterju, li kienet eskluza fil-motivi ta' separazzjoni u soppravveniet wara".

F'dan is-sens ukoll il-kawza fl-ismijiet " **Francis Bugelli vs Josephine Borg gia' Bugelli**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996, u l-kawza fl-ismijiet " **A. Blackman vs M. Blackman**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 1954, Vol XXXVIII p. 466.

Is-sentenzi citati 'supra' ghandhom relevanza ghall-kaz in ezami, billi ghalkemm il-partijiet kienu gia' separati, l-allegazzjoni ta'adulterju da parti tar-ragel fil-konfront tal-mara, ma kienitx il-mertu tal-kawza precedenti. L-istess kawza saret mill-mara li allegat sevizzi,eccessi,adulterju, theddied u ingurji gravi da parti tar-ragel u inkompatibilta' ta' karattru, mentri r-ragel, konvenut f'dik il-kawza eccepixxa li kienet l-imgieba ta' martu li wasslet biex iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment. Ir-ragel ma allegax l-adulterju ta' martu. Hu ghalhekk proceduralment u legalment korrett, li kellu jipprocedi bhala attur b'allegazzjoni tal-adulterju ta' martu, li kemm il-darba jirrizulta ppruvat jwassal ghad-dekadenza tal-mara mid-dritt li tibqa' tircevi manteniment minn ghandu.

Il-konvenuta preliminarjament eccepiet li l-azzjoni hi improponibbli billi l-allegazzjoni tal-adulterju setghet saret fil-kawza precedenti u ghalhekk "il-kontenzjoni mertu ta' din il-kawza hija presenzjalment materja ' res judicata' ". Dan mhux korrett. L-azzjoni hi fic-cirkostanzi mhux biss proponibbli izda, kif konfermat mis-sentenzi citati, rekwizit essenzjali biex r-ragel jinheles mill-obbligu tal-hlas tal-manteniment favur il-mara.

Ir-rekwiziti biex l-eccezzjoni tar-'res judicata' tigi milqugha huma tlieta, cioe' l-istess oggett (eadem res),l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem kawza petendi), ara f'dan is-sens, fost diversi decizjonijiet ohra il-kawza fl-ismijiet "**Charles Cortis vs Francis X Aquilina"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003.

Fil-kaz in ezami l-partijiet huma l-istess, l-kawza hi ukoll wahda ta' separazzjoni personali, pero' il-mertu mhux identiku billi r-ragel qed jipprocedi fuq premessa tal-adulterju tal-mara, pretensjoni li ma saritx minnu fil-kawza precedenti.

L-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta ta' res judicata ghalhekk ma tirrizultax fondata u qed tigi michuda.

**Adulterju**.

Dwar l-allegat adulterju tal-mara, irrizulta mill-provi li l-karozza taghha, partikolarment fil-weekends fil-ghaxija kienet tkun ipparkjata fil-vicinanzi ta' Triq il-Mulett, il-Qawra, fejn kienet tibqa' ipparkjata lejl shih u fil-ghodu kmieni kienet tohrog mill-appartamenti Tas-Salib fl-imsemmija triq u ssuq ghal Portomaso fejn kienet tahdem bhala cleaner f'restaurant. Matul il-gurnata l-karozza taghha kienet tibqa' ipparkjata f'Paceville vicin Portomaso.

L-attur u x-xhieda minnu prodotti kkonfermaw li kienet tkun tixrob fil-bars tal-Qawra fil-kumpanija ta' ragel, barrani u ta' certa eta'; l-investigatur privat imqabbad mill-attur, Oliver Abela ikkonferma li fil-lejl tas-16 ta' Frar 2013 il-konvenuta raqdet fl-appartament ta' dan ir-ragel u fil-ghodu kmieni telqghet ghax-xoghol. Il-konvenuta, effettivament mhiex tikkontesta dan kollu, pero' tinsisti li qatt ma kellha relazzjoni ma' dan r-ragel u tinsisti li bejniethom kien hemm biss hbieberija. Hi ma tichadx li f'diversi okkazzjonijiet raqdghet ghandu, pero, hi tinsisti, u f'dan hi kkorroborata minn bintha Lindsay, li kienu jorqdu f'kmamar differenti; hu kien jorqod f'kamra ghalih u l-konvenuta u bintha kienu jorqdu f'kamra ohra. L-konvenuta l-anqas tikkontesta l-fatt li kienet tkun mieghu tixrob fil-Bars tal-Qawra, pero' tinsisti li hi kellha problema bit-tifla meta kienet tohrog, li la riedet turi fejn kienet toqghod, f'lokalita' degradanti fil-Marsa, u l-anqas riedet tirritorna hemm wahedha tard bil-lejl jew kmieni fil-ghodu, wara li tkun harget f'Paceville. Hi tghid li kien importanti ghaliha dan l-arrangament, anke billi l-boyfriend tat-tifla kien joqghod il-Mosta, setghu jiehdu karozza wahda flimkien, l-gharus jieqaf il-Mosta u t-tifla tibqa' sejra il-Qawra u b'hekk kienu jevitaw il-Marsa. Il-konvenuta fl-affidavit taghha dikjarat s-segwenti:
" Ghalhekk jien kelli habib li kien joqghod Bugibba, li kien ukoll habib ta' hija, li offrieli norqod ghandu flimkien mat-tifla tieghi. Dan il-bniedem jien rajtu sammaCn u fil-fatt hekk ghamilna jien u binti." Fol 487.

In kontroezami, Fol 515, l-konvenuta qalet:

"Jiena kont imur Bugibba. Jien xi tridni naghmel, mhux nistennieha. Kelli lil hija Bugibba". Hi ddikjarat li lil dan ir-ragel kienet ilha tafu xi xhur u saret tafu billi kellu Pub li wara nghalaq, u huha kien jmur jghinu.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

" L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagini u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika".

Fil-kawza fl-ismijiet " **Josephine Edwards vs Avukat Dottor Joseph H Xuereb noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:
" Ghal-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lil-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt".

Fil-kaz in ezami, il-konvenuta fil-waqt li ma tikkontestax il-hrug ghal-drinks fil-varji bars tal-Qawra ma' dan r-ragel Paul Steed, u li gieli raqdet ghandu minnhabba l-esigenzi tat-tifla, tinsisti li bejniethom kien hemm biss hbiberija.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-evidenza migjuba u qed tikkonkludi illi l-verzjoni li tat il-konvenuta m'hiex attendibbli. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li tat il-konvenuta li bejnha u bejn Paul Steed ma kienx hemm relazzjoni intima. Il-Qorti ma taccettax il-kontenzjoni tal-konvenuta li r-relazzjoni taghha ma' Paul Steed kienet wahda platonika. Fuq bazi ta' probabilita' qed tikkonkludi illi l-konvenuta kellha relazzjoni adultera li jwassal ghall-applikazzjoni kontra taghha tas-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tiffissa l-jum li fih il-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju bhala s-16 ta' Frar 2013 b'dan illi ghandha l-obbligu li tirrifondi l-manteniment li irceviet minghand zewgha minn tali data 'il quddiem.

Jirrizulta illi l-ammont minnu reklamat huwa s-somma ta' tlett elef, seba' mija u hamsin ewro (Euros 3,750) rapprezentanti Euros 250 fix-xahar imhallsa bejn Frar 2013 u Mejju 2014. Dan l-ammont ghandu jigi rifuz mill-konvenuta lill-attur.

**DECIDE.**

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenuta;

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal raguni illi l-konvenuta ikkommettiet adulterju;

2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba tal-attur, tistabbilixxi s-16 ta' Frar 2013 bhala d-data li fiha l-konvenuta rrendiet lilha nfisha hatja ta' adulterju u ghalhekk tiddikjara li minn dak il-jum 'il quddiem il-konvenuta ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi minghand zewgha manteniment;

3. Tilqa' r-raba' talba attrici u tillikwida l-ammont li l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur fis-somma ta' tlett elef, seba' mija u hamsin ewro (Euros 3,750).

4. Tilqa' l-hames talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma imsemmija ta' Euros 3,750 bl-imghax legali b'effett millum sad-data ta-effetti pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**